MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 267/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**V**

**JOHAN SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHAN SULTANA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Martin u Marthese nee Cassar imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Jannar, 1982 li joqghod Block E, Flat 7, Housing Estate, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 47882M gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul l-perjodu ta' bejn d-disgha w nofs ta' filghaxija u l-hdax u nofs ta' filghaxija tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2003 fl-Imqabba flimkien ma xi persuni ohra mhux maghrufa,

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom pittura u karozza tal-marka BMW bin-numru ta'

registrazzjoni NCE 753 minn fond 'Tal Vitorja', Triq Valletta, Imqabba, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, biol-valur li jeccedi l-elf lira maltin, bil-hin u bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Anthony Aquilina;

2. talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi f'Malta, xjenetment laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

3. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkometta reat li ghalih hemm l-piena ta' prigunerija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' April 2004 esibit fl-atti a fol 218.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima esibit fl-atti a fol 31 et seq tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tletin ta' Gunju 2004 ghar-rigward t-tieni akkuza u cioe ricettazzjoni tal-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753 u dan fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tletin ta' Gunju 2004.
Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-Prosekuzzjoni qed takkuza lil imputat li nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2003, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa bejn d-disgha w nofs ta' filghaxija u l-hdax u nofs ta' filghaxija, seraq diversi oggetti fosthom pittura u karozza tal- ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753 mill-fond 'Tal Vitorja', Triq Valletta, l-Imqabba ghad-dannu ta' Anthony Aquilina.

L-**Ispettur Silvio Valletta xehed** li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2003, ghall;-habta tas-siegha w nofs ta' filghodu l-Pulizija rceviet telefonata minghand Anthony Aquilina tal-fond imsejjah 'Tal Vitorja', Triq Valletta, Imqabba, fejn giet mgharrfa li kien safa vittma ta' serq ta' diversi pitturi, deheb, flus u vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753. Illi l-Pulizija zammet investigazzjoni preliminari w irrizulta li min dahal fil-fond ghamel hekk billi sgassa l-bieb tal-garaxx tal-imsemmi fond. Aktar tard nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003, il-Pulizija rceivet informazzjoni anonima li f'Tar Rabbat Housing Estate, Hamrun kien hemm BMW. Huwa cempel lil sid il-vettura Anthony Aquilina li nizel bi spare key tal-vettura u minnufih induna li kienet il-vettura tieghu. Il-Pulizija rceivet wkoll informazzjoni anonima li dakinhar filghodu kmieni l-imputat kien qed isuq din il-vettura. Huwa ghalhekk halla lil PC 807 Felix Vella ghassa mal-vettura waqt li huwa mar ifittex lil imputat.

Gara li waqt li PC 807 Vella kien wieqaf ma gemb il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753 kulur iswed, ghadda certu Kevin Schembri li qallu li dak l-lejl ghall-habta ta' nofs il-lejl, kien ra lil Johan Sultana jsuqha. Il-Pulizija wkoll saret taf li l-imputat kien tiela w niezel minn hdejn bar maghruf bl-isem 'Friends to All Bar' imlaqqam bhala 'Tal Webbes' u kien hemm persuna ohra Stephen Schembri li wkoll ra lil imputat isuq l-vettura u staqsieh jekk riedtx rikba fiha pero dan Stephen Schembri issuspetta hazin u ma rikibx mieghu.

**Anthony Aquilina xehed** nhar t-tnejn u ghoxrin ta' April 2003 kif jirrizulta a fol 47 tal-atti fejn ikkonferma li nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2003, filghaxija, huwa kien hareg

mal-mara w irritorna d-dar ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl w innota li l-bieb tal-garaxx kien miftuh u l-vettura tieghu tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753, mudell 320DM ma kienetx hemmhekk. Qal wkoll li l-pitturi u d-deheb li kellu fid-dar kif deskritti fid-dokument AJ 1 a fol 91, kienu nsterqu wkoll. Illi huwa kkonferma pero li l-vettura hadha lura minghand il-Pulizija u tinsab fil-pussess tieghu.

**Jason Agius, Kevin Schembri u Stephen Schembri ilkoll xehdu** f'dawn l-proceduri w ikkonfermaw li raw lil imputat isuq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753 fit-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2003, fil-hinijiet kmieni ta' filghodu.

Illi dwar l-ewwel akkuza ta' serq il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud iehor. Illi jirrizulta bhala fatt mill-provi prodotta pero li l-imputat kien fil-pussess tal-ogetti misruqa ftit sighat biss wara li sehhet s-serqa mill-fond fuq indikat. Ghalhekk ma hemmx dubbju li tapplika t-teorija maghrufa bhala '*doctrine of recent possession*'.

Illi l-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seusun et**, irriteniet li:

*"It-teorija* [theory of unlawful possession of recently stolen goods] *ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ppruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, jistghu wahedhom jwasslu ragjonevolment ghal konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja ta' reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew skond c-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti."*

Dik il-Qorti ikkwotat mill-awtur Ingliz **Archbold** u qalet li:

*"If someone is found in possession of goods <u>soon after</u> they have been missed, and he <u>fails</u> to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in infering that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or*

*believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are opt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief [a] if he offers no explanation to account for his possession, or [b] if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.* [vide wkoll **Il-Pulizija v Carmelo Debono *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Novembru 1996*]***.*

Illi din l-ispjiegazzjoni ta' **Archbold** hija abbraccjata f'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Apell Kriminali minn zmien ilu.

Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lawrence Camilleri** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 1977,*** dik il-Qorti rriteniet li:

*"Il-pussess tal-haga misruqa fi zmien rcenti hu wiehed mill-indizji biex juri li l-possessur hu l-halliel fin-nuqqas ta' spjiegazzjoni li turi xort'ohra. La darba il-Prosekuzzjoni prima facie ggustifikat l-imputazzjoni - bil-prova tal-pussess - huwa obbligu tal-imptuat li jaghti spjiegazzjoni."* [vide **Il-Pulizija v Antonio Pace** - ***Appell Kriminali datat ghoxrin ta' Frar 1954***].

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1953*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Polly Grech,** il-Qorti ghamlet referenza ghal ktieb ***Criminal Law*** ta' **Harris and Wilshire** u qalet li:

*"The possession of recently stolen property is safe evidence that the possessor is either the thief or guilty receiver and if he fails to give any satisfactory explanation of his possession, the jury may convict him of stealing or receiving, according to circumstances."*

Illi f'dan il-kaz ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha b'mod sodisfacenti tipprova l-pussess ricenti tal-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753 f'idejn l-imputat odjern u cioe li kienet f'idejh ftit sighat wara li sehhet s-serqa u l-imputat minn naha tieghu ma ta ebda spjiegazzjoni ghal pussess taghha u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-lok [stante li l-vettura giet mehuda mill-garaxx li jaghmel parti mir-residenza], bil-hin [stante li giet mehuda wara inzul ix-xemx], bil-valur [stante li l-valur tal-vettura huwa ta' hamsa w ghoxrin elf lira maltin u bil-mezz [stante li giet mehuda permezz ta' sgass].

Illi pero, il-Qorti ma hiex qed issib lil imputat hati tas-serq tal-oggetti ta' pittura u deheb mill-istess fond proprjeta ta' Anthony Aquilina.

Illi ghalkemm il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni mill-imputat dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni tal-vettura, din il-Qorti ma hiex qed issibu hati taghha u dan ghaliex din l-akkuza giet mghotija mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal dik ta' serq aggravat u fil-fatt ir-ricettazzjoni tikkonsisti f'att posterjuri ghad-delitt tas-serq u l-Qorti ma tistax issibu hati tal-akkuza ta' serq u ta' ricettazzjoni ghaliex minn jisraq ikun qed jiehu l-pussess tal-oggett gej minn attivita kriminali, u konsegwentement il-Qorti qed tinjora l-ammissjoni tal-imputat ghal din l-akkuza u tilliberah minnha.

Dwar it-tlieta w r-raba akkuza l-Prosekuzzjoni ma esibitx s-sentenzi b'mod legali stante li dawk esibiti fl-atti ma humiex awtentikati skond l-ligi u del resto lanqas ma gew konfermati fil-konfront tal-imputat odjern u ghalhekk din il-Qorti ma tistax ssibu hati talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 50 u 289 tal-Kap 9 u li kkommetta reat fil-perfjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-akkuza ta' serq tal-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni NCE 753 kif aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-

hin, u bil-valur u mhux hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tilliberah minnhom.

Dwar il-piena, il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat kif esibita fl-atti nhar t-tletin ta' Gunju 2004 immarkata bhala dokument SV u jirrizulta li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 billi diga gie misjub hati ta' diversi reati f'hamsa w erbghin darba meta nghata kull tip ta' piena u cioe amendi, multi, probations, sentenzi ta' prigunerija sospiza u prigunerija. Dan nonostante, l-imputat li ghad ghandu biss ghoxrin sena, diga ghandu hajja reflettarja wisq u l-Qorti zgur ma tistsax tkun hanina mieghu jew turi xi klemenza fil-piena. L-imputat irid jitghallem li huwa jifforma parti minn socjeta u ghalhekk irid igib ruhu ta' nies u jindirizza l-problemi serji li hu ghandu bhala '*cleptomanic*'. Illi l-imputat ghandu jitlob l-ghajnuna ta' psikjatra sabiex jghinu jindirizza din il-problema akuta li ghandu sabiex una volta jiskonta s-sentenza li din il-Qorti ser tinfliggi fuqu, huwa jkun jista jgib ruhu ahjar fis-socjeta.

Fid-dawl tas-suespost, **il-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat JOHAN SULTANA hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur** u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(b), 281, 334, 289, 49, 40, 31, 28A sa 28H, 20, 22, 23, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn mill-lum u tilliberah mill-akkuzi l-ohra.**

Illi dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' periti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li waqt l-kumpilazzjoni ma gew nominati ebda periti u ghalhekk qed tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------